**L-Erbgħa, 16 ta' Diċembru 2009**

(d) jekk, fi kwalunkwe stadju tan-negozjati, il-Parlament jadotta rakkomandazzjonijiet dwar it-tmexxija tan-negozjati, il-Kummissjoni tqis l-opinjoni tal-Parlament qabel ma tikkonkludi ftehim,

(e) jitwaqqaf u jintuża inventarju interistituzzjonali li jinkorpora d-dokumenti kollha li l-Kummissjoni tipprovdi lill-kumitat speċjali previst fl-Artikolu 207(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

*

* *

25. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u lid-Direttur Ġenerali tad-WTO.

---

## Miżuri restrittivi li jaffettwaw id-drittijiet tal-individwi wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Liżbona

P7_TA(2009)0111

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Diċembru 2009 dwar miżuri restrittivi mmirati kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati ma' Usama Bin Laden, in-netwerk Al-Qaeda u t-Taliban, fir-rigward taż-Żimbabwe, u fid-dawl tal-qagħda fis-Somalja**

(2010/C 286 E/02)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-konvenzjonijiet kollha tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-protokolli fakultattivi tagħhom, il-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi u ż-żewġ protokolli fakoltattivi tiegħu, il-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti u speċifikament l-Artikoli 1 u 25 u, fil-Kapitolu VII, l-Artikoli 39 u 41 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem) u l-protokolli tiegħu, u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-Karta), b'mod partikulari t-Titlu VI, Ġustizzja, tagħha, li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Diċembru 2009,

— wara li kkunsidra d-dispożizzjonijiet rilevanti tat-Trattat ta' Liżbona, li jemenda t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TEU) u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea (KE), u b'mod partikulari l-Artikoli 75, 215 u 275 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), u d-dispożizzjonijiet dwar il-prinċipji demokratiċi mniżżla fit-Titlu II tat-Trattat TEU,

— wara li kkunsidra d-dispożizzjonijiet rilevanti tat-Trattat TUE preċedenti (l-Artikoli 3, 6, 11, 13, 19, 21, 29 u 39) u tat-Trattat Trattat KE (l-Artikoli 60, 133, 296, 297, 301 u 308),

— wara li kkunsidra d-dokumenti tal-Kunsill fuq dan is-suġġett ([1]),

— wara li kkunsidra l-Pożizzjonijiet Komuni tal-Kunsill 2001/930/PESK dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu ([2]), u 2001/931/PESK dwar l-applikazzjoni ta' miżuri speċifiċi għall-ġlieda kontra t-terroriżmu ([3]), it-tnejn tas-27 ta' Diċembru 2001, u r-Regolamemt tal-Kunsill (KE) Nru 2580/2001 tas-27 ta' Diċembru 2001 dwar miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet bil-għan li jiġi miġġieled it-terroriżmu ([4]),

— wara li kkunsidra l-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2002/402/CFSP dwar miżuri restrittivi kontra Usama bin Laden, membri tal-organizzazzjoni Al-Qaida u t-Taliban, u individwi, gruppi, intrapriżi u entitajiet oħrajn assoċjati magħhom ([5]), u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 li jimponi ċerti miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u enititajiet marbuta ma' Usama bin Laden, in-netwerk ta' Al-Qaida u t-Taliban ([6]), it-tnejn tas-27 ta' Mejju 2002, u għall-proposta rilevanti tal-Kummissjoni u t-test rilevanti tal-Kunsill ([7]),

— wara li kkunsidra l-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2009/138/CFSP tas-16 ta' Frar 2009 dwar miżuri restrittivi kontra s-Somalja ([8]), il-proposta rilevanti tal-Kummissjoni ([9]) u l-Pożizzjoni Komuni 2004/161/CFSP tad-19 ta' Frar 2004 li ġġedded miżuri restrittivi kontra ż-Żimbabwe ([10]), kif emendata mill-Pożizzjoni Komuni 2008/632/CFSP tal-31 ta' Lulju 2008 ([11]), u l-proposta rilevanti tal-Kummissjoni ([12]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet rilevanti dwar is-suġġett, u partikolarment ir-riżoluzzjoni tal-4 ta' Settembru 2008 dwar l-evalwazzjoni tas-sanzjonijiet tal-UE bħala parti mill-azzjonijiet u l-politiki tal-UE fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem ([13]),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat dwar l-Affarijiet Legali u d-Drittijiet tal-Bniedem tal-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa tas-16 ta' Novembru 2007 bit-titolu "Il-listi s-suwed tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti u tal-Unjoni Ewropea" u għall-addendum tat-22 ta' Jannar 2008 għal dak ir-rapport,

— wara li kkunsidra l-każistika rilevanti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej u, b'mod partikulari, id-deċiżjoni tagħha tat-3 ta' Settembru 2008 dwar il-kawżi magħquda C-402/05 P u C-415/05 P, *Kadi u l-Al Barakaat International Foundation v il-Kunsill u l-Kummissjoni* ([14]),

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (EDPS) tas-28 ta' Lulju 2009 dwar il-proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 881/2002 li jimponi ċerti miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati ma' Usama bin Laden, in-netwerk ta' Al-Qaida u t-Taliban,

— wara li kkunsidra l-ittra, tat-12 ta' Novembru 2009, tal-President tal-Kumitat għall-Iżvilupp tiegħu lill-President tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern tiegħu,

([1]) Nota tal-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsillieri għar-Relazzjonijiet Esterni, tat-22 ta' Jannar 2004, bit-titolu "Il-Monitoraġġ u l-evalwazzjoni ta' miżuri restrittivi (sanzjonijiet) fil-qafas tal-PESK – l-Istabbiliment ta' formazzjoni 'Sanzjonijiet' tal-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsillieri għar-Relazzjonijiet Esterni (RELEX/Sanctions)" (05603/2004); Nota tas-Segretarjat, tas-7 ta' Ġunju 2004 bit-titolu 'Prinċipji Bażiċi dwar l-Użu ta' Miżuri Restrittivi (Sanzjonijiet)' (10198/1/2004); Nota tas-Segretarjat, tat-2 ta' Diċembru 2005, bit-titolu "Linji gwida dwar l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni ta' miżuri restrittivi (sanzjonijiet) fil-qafas tal-Politika Barranija u ta' Sigurtà" Komuni tal-UE (15114/2005); Nota tas-Segretarjat, tad-9 ta' Lulju 2007, bit-titolu "Miżuri restrittivi/ – L-Aħjar Prattiki tal-UE għall-implimentazzjoni effettiva ta' miżuri restrittivi" (11679/2007) u n-nota tal-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsillieri għar-Relazzjonijiet Esterni, tal-24 ta' April 2008, bit-titolu "Miżuri restrittivi (Sanzjonijiet) – Aġġornament tal-Aħjar Prattiki tal-UE" (08666/1/2008).

([2]) ĠU L 344, 28.12.2001, p. 90.

([3]) ĠU L 344, 28.12.2001, p. 93.

([4]) ĠU L 344, 28.12.2001, p. 70.

([5]) ĠU L 139, 29.5.2002, p. 4.

([6]) ĠU L 139, 29.5.2002, p. 9.

([7]) COM(2009)0187 u d-Dokument tal-Kunsill 12883/2009.

([8]) ĠU L 46, 17.2.2009, p. 73.

([9]) COM(2009) 0393.

([10]) ĠU L 50, 20.2.2004, p. 66.

([11]) ĠU L 205, 1.8.2008, p. 53.

([12]) COM(2009) 0395.

([13]) ĠU C 295 E, 4.12.2009, p. 49.

([14]) [2008] ECR I-6351.

**L-Erbgħa, 16 ta' Diċembru 2009**

— wara li kkunsidra l-mistoqsijiet tas-16 ta' Novembru 2009 lill-Kummissjoni u lill-Kunsill dwar miżuri restrittivi (O-0135/2009 – B7-0233/2009, O-0136/2009 – B7-0234/2009),

— wara li kkunsidra l-fehmiet murija mill-Kumitat tiegħu għall-Affarijiet Legali waqt il-laqgħa tal-kumitat tat-3 ta' Diċembru 2009 dwar il-bażijiet legali għall-proposti li jikkonċernaw it-testi dwar Usama bin Laden, in-netwerk ta' Al-Qaida u t-Taliban, is-Somalja u ż-Żimbabwe, skont it-Trattat ta' Liżbona,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 115(5) u l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem huwa wieħed mill-valuri bażiċi tal-Unjoni (Artikolu 2 TUE) u huwa wkoll rifless fl-azzjoni esterna tagħha, fejn l-Artikolu 21(1) TUE jistipula li "l-azzjoni tal-Unjoni fix-xena internazzjonali għandha tiġi ggwidata mill-prinċipji li ispiraw il-ħolqien, l-iżvilupp u t-tkabbir tagħha u li hija tfittex li tippromwovi fil-bqija tad-dinja: id-demokrazija, l-istat tad-dritt, l-universalità u l-indiviżibilità tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, ir-rispett lejn id-dinjità tal-bniedem, il-prinċipji tal-ugwaljanza u s-solidarjetà u r-rispett lejn il-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti u l-liġi internazzjonali",

B. billi l-Unjoni hija impenjata fil-ġlieda kontra t-terroriżmu fid-dimensjonijiet kollha tiegħu – kemm jekk dan joriġina jew jitwettaq ġewwa l-fruntieri tal-Unjoni kif ukoll barra minnhom – filwaqt li taġixxi fi ħdan il-limiti ċari definiti mill-istat tad-dritt u fir-rispett tad-drittijiet fundamentali; billi trid tingħata attenzjoni kbira biex ikun żgurat li f'dan il-qasam partikulari d-drittijiet tal-bniedem ikunu rispettati bis-sħiħ u li l-miżuri kollha adottati sabiex jiġġieldu t-terroriżmu jkunu proporzjonati, xierqa u effettivi,

C. billi l-mezzi li bihom l-Unjoni biħsiebha tilħaq l-għanijiet enfasizzati hawn fuq, fosthom il-ġlieda kontra t-terroriżmu, jinkludu miżuri restrittivi (sanzjonijiet) (għalkemm mhumiex limitati biss għalihom) kontra gvernijiet ta' Stati terzi, persuni fiżiċi jew ġuridiċi, gruppi jew entitajiet mhux Statali; billi għadu dibattibbli jekk in-NU u l-UE ppreżentawx biżżejjed evidenza li turi s-suċċess ta' dawn is-sistemi biex irażżnu l-finanzjament ta' atti terroristiċi; u filwaqt li jqis l-impatt sinifikanti li dawn is-sistemi kellhom fuq il-kredibilità tal-impenn tan-NU u tal-UE favur id-drittijiet tal-bniedem,

D. billi, b'konformità mal-prattika ġenerali tal-UE, hawnhekk mhi qed issir l-ebda distinzjoni bejn it-termini "sanzjonijiet" u "miżuri restrittivi" ([1]); billi l-Kunsill irrimarka li s-sanzjonijiet għandhom ikunu mmirati b'mod li jkollhom l-akbar impatt possibbli fuq dawk li l-imġiba tagħhom is-sanzjonijiet huma intenzjonati li jolqtu; fit-twettiq ta' dan huma għandhom ikunu mmirati bi preċiżjoni sabiex jitnaqqsu kemm jista' jkun l-effetti negattivi fuq livell umanitarju, ir-riskju ta' konsegwenzi mhux intenzjonati għal persuni li ma jkunux fil-mira, u l-effetti negattivi li jista' jkun hemm fuq pajjiżi ġirien,

E. billi l-Artikolu 215(2) TFUE jistipula li "meta deċiżjoni li tkun adottata skond il-Kapitolu II tat-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea tipprovdi hekk, il-Kunsill jista' jadotta miżuri restrittivi taħt il-proċedura prevista fil-paragrafu 1 kontra persuni fiżiċi jew ġuridiċi, kontra gruppi jew kontra entitajiet mhux Statali"; u billi l-Artikolu 75, l-ewwel paragrafu, TFUE jipprevedi li "fejn meħtieġ sabiex jitwettqu l-objettivi previsti fl-Artikolu 67, fir-rigward tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-terroriżmu u attivitajiet marbuta ma' dan, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jaġixxu permezz ta' regolament skond il-proċedura leġislattiva ordinarja, għandhom jiddefinixxu qafas għal miżuri amministrattivi fir-rigward tal-movimenti tal-kapital u tal-pagamenti, bħall-iffriżar ta' fondi, assi finanzjarji jew benefiċċji ekonomiċi li jappartjenu lil, jew li jkunu proprjetà ta', jew miżmuma minn, persuni fiżiċi jew ġuridiċi, gruppi jew entitajiet mhux statali",

F. billi t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 275, TFUE jipprevedi wkoll li "l-Qorti għandha tkun kompetenti [...] sabiex tiddeċiedi dwar rikorsi, mressqa skond il-kondizzjonijiet stabbiliti fir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 263 ta' dan it-Trattat dwar il-legalità ta' deċiżjonijiet li jipprovdu miżuri restrittivi kontra persuni fiżiċi jew ġuridiċi adottati mill-Kunsill abbażi tal-Kapitolu 2 tat-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea",

([1]) It-tipi ta' miżuri restrittivi jvarjaw u jinkludu embargi tal-armi, sanzjonijiet kummerċjali, sanzjonijiet finanzjari/ekonomiċi, iffriżar ta' assi, projbizzjoni ta' titjir, restrizzjonijiet għad-dħul f'pajjiż, sanzjonijiet diplomatiċi, bojkotts ta' avvenimenti sportivi u kulturali u s-sospensjoni ta' koperazzjoni ma' pajjiż terz.

G. billi l-Artikolu 16(2) TFUE jistieden lill-Parlament u lill-Kunsill biex jistabilixxu qafas ċar u stabbli għall-protezzjoni tad-data b'regoli li "għandhom x'jaqsmu mal-protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, il-korpi u l-organi tal-Unjoni, kif ukoll mill-Istati Membri meta jwettqu attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, u mal-moviment liberu ta' din id-data". billi dan l-istess Artikolu jgħid li "l-ħarsien ta' dawn ir-regoli għandu jkun suġġett għall-kontroll minn awtoritajiet indipendenti"; billi l-implikazzjoni hija li r-regoli msemmija hawn fuq ikunu japplikaw ukoll għall-proċess ta' data personali mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni fil-qasam tal-politika barranija u ta' sigurtà Ewropea; billi l-Artikolu 29 TUE (fil-Kapitolu 2 li għandu t-titolu "Dispożizzjonijiet speċifiċi dwar il-politika estera u ta' sigurtà komuni") għandu jitqies bħala deroga mill-Artikolu 16 TFUE li jirrikjedi li "l-Kunsill jadotta deċiżjoni li tistabbilixxi r-regoli li għandhom x'jaqsmu mal-protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-Istati Membri meta jwettqu attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, u r-regoli li għandhom x'jaqsmu mal-moviment liberu ta' din id-data"; billi, l-istess bħall-Artikolu 16(2) TFUE, huwa jipprevedi li "l-ħarsien ta' dawn ir-regoli għandu jkun suġġett għall-kontroll minn awtoritajiet indipendenti",

H. billi fil-kawża msemmija hawn fuq *Kadi u Al Barakaat International Foundation vs il-Kunsill u l-Kummissjoni*, il-Qorti tal-Ġustizzja annullat ir-Regolament (KE) Nru 881/2002 fejn kien jikkonċerna lis-Sur Yassin Abdullah Kadi u l-Al Barakaat International Foundation, u qieset li l-awtorità Komunitarja li tiddeċiedi li tiffriża l-fondi u r-riżorsi ekonomiċi ta' individwu jew ta' entità skont ir-Regolament (KE) Nru 881/2002 teħtieġ li tgħarraf lill-individwu jew lill-entità kkonċernati bir-raġunijiet li fuqhom ittieħdet id-deċiżjoni, sabiex jiġu rrispettati d-drittijiet tad-difiża, l-aktar id-dritt tas-smigħ u d-dritt ta' reviżjoni ġudizzjarja, u li, minħabba li dawk il-persuni jew entitajiet ma kinux ġew mgħarrfa bl-evidenzi miġjuba kontrihom, huma ma kinux f'pożizzjoni li jiddefendu d-drittijiet tagħhom fir-rigward ta' dik l-evidenza f'kundizzjonijiet sodisfaċenti quddiem il-ġudikatura Komunitarja,

I. billi l-każistika tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej tenfasizza li r-reviżjoni ġudizzjarja hija aktar u aktar meħtieġa minħabba li tikkostitwixxi l-unika salvagwardja proċedurali li tiżgura li jintlaħaq bilanċ ġust bejn il-ħtieġa li jiġi miġġieled it-terroriżmu internazzjonali u l-ħarsien tad-drittijiet fundamentali ([1]); billi d-deċiżjonijiet preċedenti tal-Qorti tal-Prim'Istanza (Kawżi magħquda T-110/03, T-150/03 u T-405/03 *Sison* v *il-Kunsill* ([2]) ikkonfermaw tliet deċiżjonijiet konsekuttivi tal-Kunsill li jirrifjutaw l-aċċess, lill-avukati ta' Jose Maria Sison, għad-dokumenti li fuqhom il-Kunsill kien ħa d-deċiżjoni li jinkludih fil-lista tal-persuni suġġetti għal miżuri restrittivi speċifiċi skont l-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KE) Nru 2580/2001,

J. billi xi studji wrew li fis-sistemi nazzjonali, l-iffriżar tal-assi huwa miżura proviżorja meħuda sakemm tittieħed deċiżjoni ġudizzjarja dwar is-sehem ta' persuna f'attivitajiet kriminali, filwaqt li jitqies li fil-livell tan-NU u tal-UE, dawn is-sanzjonijiet m'għandhomx jitqiesu bħala miżuri proviżorji sakemm tittieħed deċiżjoni ġudizzjarja, iżda alternattivi de facto għad-deċiżjonijiet ġudizzjarji ([3]),

K. billi r-riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti S/RES/1822 (2008) wasslet għal xi titjib, primarjament: il-ħtieġa li d-dikjarazzjonijiet tar-raġunijiet fuqhiex persuna tiġi elenkata jkunu pubblikati fuq il-websajt tal-Kumitat tas-Sanzjonijiet; l-obbligu tal-Istati Membri li skont il-liġijiet u l-prattiki domestiċi tagħhom, jieħdu l-miżuri kollha possibbli biex jinnotifikaw jew jinformaw fil-waqt l-individwu elenkat jew l-entità msemmija u jinkludu ma' din in-notifika kopja tal-porzjon rilaxxat pubblikament tad-dikjarazzjoni tal-każ u informazzjoni relevanti oħra; il-ħolqien ta' "punt fokali" li fih il-persuni fuq il-lista s-sewda jkunu jistgħu jressqu l-ilment tagħhom ([4]); reviżjoni sħiħa tal-ismijiet kollha tal-Lista Konsolidata,

L. billi għad ma hemm ebda mekkaniżmu legali internazzjonali għall-kontroll/reviżjoni tal-eżattezza tat-tagħrif li jiffurma l-bażi ta' Kumitat tas-Sanzjonijiet tan-NU dwar il-lista s-sewda jew il-ħtieġa u l-proporzjonalità tal-miżuri adottati; billi l-individwu għad ma għandu ebda dritt ta' aċċess għal qorti jew korp kważi ġuridiku fil-livell tan-NU ([5]),

([1]) Kawża T-228/02, *Organisation des Modjahedines du peuple d'Iran vs il-Kunsill* [2006] ECR II-4665, paragraph 155.
([2]) [2005] ECR II-1429.
([3]) I. Cameron, "Respecting Human Rights and Fundamental Freedoms and EU/UN Sanctions: State of Play", Ottubru 2008, studju mwettaq mid-Dipartiment Tematiku għall-Politiki Esterni tad-Direttorat Ġenerali għall-Politika Esterna tal-Unjoni, p.21.
([4]) Sempliċement "clearing house" għall-ilmenti.
([5]) Ibid Cameron, p. 37.

***Il-bżonn ta' approċċ koerenti u ċar kif ukoll involviment xieraq tal-Parlament***

1. Iqis li huwa importanti li ssir riflessjoni fuq qafas ġenerali għas-sanzjonijiet immirati kollha implimentati mill-UE kontra persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi, li jiżgura r-rispett għad-drittijiet fundamentali ta' dawk fil-mira;

2. Huwa tal-fehma li fil-qasam speċifiku tas-sanzjonijiet kontra t-terroriżmu, id-distinzjoni bejn theddidiet "esterni" u "interni" hija diffiċli biex tiġġustifikaha fil-prattika, speċjalment meta dawn is-sanzjonijiet jistgħu jiksru wkoll id-drittijiet taċ-ċittadini u r-residenti tal-UE skont il-Karta ([1]) iqis li għandu jiġi stabbilit qafas legali skont l-Artikolu 75 tat-TFUE għal miżuri dwar il-movimenti kapitali u l-ħlasijiet, bħall-iffriżar ta' fondi, assi finanzjarji jew benefiċċji ekonomiċi li jappartjenu jew huma proprjetà inkella miżmuma minn, persuni fiżiċi jew ġuridiċi, gruppi jew entitajiet mhux statali, inkluż (kif osservat ukoll mill-Kumitat għal-Afarijiet Legali tiegħu) għal miżuri restrittivi għal ċerti persuni u entitajiet assoċjati ma' Usama bin Laden, in-netwerk ta' Al-Qaida u t-Taliban; dan l-approċċ għandu jippermetti livell xieraq ta' responsabilità diretta demokratika permezz tal-intervent tal-Parlament minħabba l-proċedura ta' kodeċiżjoni (proċedura leġiżlattiva ordinarja);- għandu jitqies ukoll l-involviment xieraq tal-parlamenti nazzjonali;

3. Iqis li fir-rigward ta' miżuri futuri – bħal miżuri restrittivi fir-rigward taż-Żimbabwe u ċerti miżuri speċifiċi restrittivi għal ċerti persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi fid-dawl tal-qagħda fis-Somalja, meħuda skont l-Artikolu 215(2) tat-TFUE – il-possibbiltà ta' konsultazzjoni fakultattiva tal-Parlament għandha titqies (skont il-Kunsill Ewropew "Dikjarazzjoni Solenni dwar l-Unjoni Ewropea", magħmula fi Stuttgart fid-19 ta' Ġunju 1983, li tipprovdi għall-konsultazzjoni fakultattiva tal-Parlament dwar kwistjonijiet internazzjonali anki fejn ma kien hemm xejn fit-Trattati); dan l-approċċ jista' jkun ikkunsidrat bħala li hu konformi mal-ispirtu tat-Trattat ta' Lisbona u f'konformità mar-rwol preċedenti tal-Parlament (konsultattiv) f'dan il-qasam;

4. Itenni r-rikjesta tiegħu għal valutazzjoni fil-fond tal-implimentazzjoni, fuq bażi annwali, tad-dispożizzjonijiet li jippreskrivu miżuri restrittivi u l-effettività tagħhom, flimkien ma' trasmissjoni xierqa u f'waqtha tal-informazzjoni lill-Parlament f'dawn il-kwistjonijiet; iqis li għal dan il-għan, is-sanzjonijiet għandhom dejjem ikunu akkumpanjati minn minn kriterji ta' referenza ċari;

5. Jistieden lill-Kummissjoni biex tistabbilixxi netwerk ta' esperti indipendenti mqabbda biex jipproponu lill-Kunsill l-aktar miżuri restrittivi pertinenti f'sitwazzjoni partikolari, jirrapportaw regolarment dwar bidliet fis-sitwazzjoni fid-dawl ta' kriterji ta' referenza u l-għanijiet fil-mira u, fejn xieraq, jissuġġerixxu kif is-sanzjonijiet għandhom jiġu implimentati b'mod aktar effettiv; iqis li l-istabbiliment ta' netwerk ta' dan it-tip iwassal għal trasparenza akbar, itejjeb il-kwalità tad-dibattitu dwar is-sanzjonijiet fuq livell ġenerali kif ukoll isaħħaħ l-applikazzjoni u l-monitoraġġ kontinwu ta' sanzjonijiet f'każijiet speċifiċi;

6. Ifakkar li l-attivitajiet tal-organizzazzjonijiet mhux governattivi jagħtu kontribut sostanzjali għall-iżvilupp, id-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem, u li jista' jkun ta' siwi li jiġu kkonsultati dwar il-politiki tal-UE kontra t-terroriżmu biex tinkiseb informazzjoni ta' valur dwar il-qagħda konkreta; ifakkar ukoll li miżuri repressivi kontra t-terroriżmu, ma għandhomx jostakolaw il-miri tagħhom fl-oqsma tal-iżvilupp, id-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem;

7. Jenfasizza li l-kummenti li ġejjin jirreferu, inter alia, għas-sustanza tal-proposti mressqa mill-Kummissjoni fil-qafas legali li għadda, li issa m'għadhomx jgħoddu fid-dawl tal-qafas legali stabbilit mit-Trattat ta' Lisbona; jinnota li kull referenza għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju tal-poteri ta' implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni ([2]), għandha titqies li m'għadhiex tgħodd;

([1]) Ibid Cameron, p. 16-17.
([2]) ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.

**L-Erbgħa, 16 ta' Diċembru 2009**

***Dwar ċerti miżuri restrittivi għal ċerti persuni u entitajiet assoċjati ma' Usama bin Laden, in-netwerk ta' Al-Qaida u t-Taliban***

8. Jinnota li, sabiex jirrispetta l-impenji tiegħu fil-ġlieda kontra t-terroriżmu filwaqt li jirrispetta d-drittijiet tal-bniedem, qies l-iffriżar tal-fondi u r-riżorsi ekonomiċi ta' ċerti persuni, gruppi u entitajiet bħala strument xieraq għal dan il-għan; jenfasizza li l-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri għandha tkun akkumpanjata l-ħin kollu b'salvagwardji u garanziji b'saħħithom u adegwati, b'kunsiderazzjoni għall-konsegwenzi estremament iebsa tal-lista s-sewda għall-individwi u l-organizzazzjonijiet ikkonċernati; jinnota li, fir-rigward ta' miżuri restrittivi għal ċerti persuni u entitajiet li għandhom x'jaqsmu ma' Usama bin Laden, in-netwerk ta' Al-Qaida u t-Taliban, japplika l-Artikolu 75 TFEU;

9. Jindika l-ħtieġa ta' riflessjoni fil-fond dwar l-effetti sinifikanti li għandhom is-sanzjonijiet kontra t-terroristi fir-rigward tal-liġi kriminali u dwar il-ħtieġa li jkunu adottati rimedji adegwati fuq livell nazzjonali għal din is-sistema tal-listi s-suwed;

10. Ifakkar li l-proċeduri ta' tqegħid fil-lista u t-tneħħija minnha fis-sistema tas-sanzjonijiet tan-NU u tal-UE kienu ikkritikati ferm minħabba li naqsu milli jipprovdu protezzjoni sodisfaċenti għad-drittijiet fundamentali (kemm proċedurali kif ukoll sostantivi) u għaċ-ċertezza ġuridika; jilqa' b'sodisfazzjon, għalhekk, l-inizjattivi reċenti li ttieħdu fil-livell tal-UE sabiex jinstab rimedju għan-nuqqasijiet imsemmija hawn fuq; jiddispjaċih madankollu, li l-Kunsill b'mod partikolari wera nuqqas ta' determinazzjoni sabiex ikun żgurat li r-Regolament (KE) Nru 881/2002 rivedut jirrispetta d-drittijiet fundamentali tal-persuni u l-entitajiet ikkonċernati;

11. Jiddubita, fir-rigward tad-"dikjarazzjoni tar-raġunijiet" li trid tingħata, kemm il-proposta tal-Kummissjoni u kemm it-test tal-Kunsill jikkonformaw mar-rekwiżiti tas-sentenza fil-Każ imsemmi hawn fuq ta' *Kadi u Al Barakaat International Foundation vs. il-Kunsill u l-Kummissjoni*, li rreferew għall-obbligu li jkunu kkomunikati r-raġunijiet li għalihom, f'dawn il-każijiet, l-isem ta' persuna jew entità tkun ġiet inkluża fil-lista, filwaqt li titqies b'mod partikolari r-referenza magħmula għad-dritt tal-persuni u tal-entitajiet ikkonċernati li jkunu infurmati bl-evidenza mressqa kontrihom;

12. Jenfasizza li l-evidenza f'xi każi tkun ibbażata primarjament fuq informazzjoni pprovduta mis-servizzi sigrieti ta' informazzjoni, li jistgħu joperaw skont regoli nazzjonali speċifiċi; itenni l-pożizzjoni tiegħu tal-2008 li l-privileġġ eżekuttiv m'għandux iżomm id-dritt ta' mħallef milli jeżerċita d-dritt sħiħ tiegħu jew li jwassal għall-impunità fil-każ ta' ksur tal-liġi internazzjonali; jistieden, f'dan ir-rigward, lill-parlamenti nazzjonali sabiex jeżerċitaw superviżjoni sħiħa fuq l-attivitajiet tal-gvernijiet tagħhom u jħeġġeġ l-implimentazzjoni sħiħa u rapida tal-qafas ġuridiku Ewropew skont l-Artikolu 15 TFUE; itenni l-ħtieġa li l-Parlament Ewropew jiġi assoċjat max-xogħol tal-Konferenza tal-Kumitati ta' Superviżjoni tal-Entitajiet ta' Intelliġenza tal-Istati Membri li diġà hija stabbilita;

13. Jitlob għal valutazzjoni sħiħa u f'waqtha tal-effikaċja tas-sistemi ta' sanzjonijet tal-UE u tan-Nazzjonijiet Uniti għat-"terroristi"; apparti dan, jinnota bi tħassib li sanzjonijiet għat-"terroristi" jidhru li kellhom effett negattiv fuq is-soluzzjoni tal-konflitt u fuq l-isforzi għall-iżvilupp f'diversi reġjuni u jħeġġeġ sabiex dan il-fattur jitqies meta jkunu evalwati dawn is-sistemi;

14. Iqis li għandu jitkompla b'mod urġenti t-titjib fil-prattiki tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-tqegħid fil-listi jew it-tneħħija minnhom u li l-Istati Membri għandhom jaħdmu wkoll sabiex itejbu l-proċeduri interni ta' sanzjonijiet immirati (ta' implimentazzjoni), kif issuġġerit fir-rapport imsemmi hawn fuq u fl-addendum tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali u d-Drittijiet tal-Bniedem tal-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa;

***Dwar ċerti miżuri restrittivi fir-rigward taż-Żimbabwe u dwar ċerti miżuri restrittivi speċifiċi għal ċerti persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Somalja***

15. Iqis li l-intenzjoni tal-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2008/632/PESK u tal-proposta sussegwenti (abbozz ta' regolament) – li jestendu l-miżuri restrittivi għal individwi u entitajiet responsabbli għal każijiet ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem fiż-Żimbabwe lil hinn mill-gvern – għandhom ikunu appoġġati, bħalma hu t-tqegħid tal-leġiżlazzjoni f'konformità mad-deċiżjonijiet reċenti tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar id-dritt fundamentali għal proċess xieraq għal individwi u entitajiet li huma fil-mira tal-miżuri restrittivi;

**L-Erbgħa, 16 ta' Diċembru 2009**

16. Hu tal-opinjoni li għandu jsir monitoraġġ bir-reqqa sabiex ikun valutat jekk ir-raġunijiet li għalihom kienu adottati l-miżuri restrittivi għandhomx jippersistu, kif ukoll dwar il-mod li bih il-miżuri restrittivi jistgħu jkunu kombinati ma' inċentivi kredibbli li jippromwovu d-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem fiż-Żimbabwe;

17. Jilqa' u jappoġġa d-dipożizzjonijiet biex jiżguraw li l-UE tikkonforma mal-impenji internazzjonali tagħha li timplimenta immedjatament sanzjonijiet immirati adottati min-Nazzjonijiet Uniti kontra individwi u entitajiet li jinstabu involuti f'atti, jew li qed jappoggaw atti, li jheddu l-paċi, is-sigurtà jew l-istabilità tas-Somalja, li jkunu aġixxew b'mod li jikser l-embargo tal-armi jew li jkunu ħolqu ostakli biex titwassal l-għajnuna umanitarja.

18. Jiddubita, madankollu, kif diġà enfasizzat hawn fuq, kemm it-testi attwali proposti mill-Kummissjoni huma adegwati fir-rigward tal-informazzjoni li se tkun provduta lill-persuni elenkati – dwar ir-raġunijiet li għalihom isem il-persuni jew l-entitajiet ikunu inklużi fil-lista kif ukoll dwar id-drittijiet ġuridiċi tagħhom – fid-dawl tal-każ hawn fuq imsemmi ta' *Kadi u Al Barakaat International Foundation vs. il-Kunsill u l-Kummissjoni*;

19. Josserva li, kif enfasizzat mill-Kumitat għall-Affarijiet Legali tiegħu, l-Artikolu 215 TFEU għandu japplika l-miżuri kkonċernati, iżda li sensiela ta' kundizzjonijiet għandhom jiġu rrispettati: il-miżuri jridu, pereżempju, ikunu bbażati fuq proposta mill-Viċi President tal-Kummissjoni/ Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika tas-Sigurtà u l-Kummissjoni trid tinkludi d-dispożizzjonijiet meħtieġa għas-salvagwardji legali;

20. Huwa tal-opinjoni li l-Artikolu 291 TFEU għandu jitqies sabiex ikunu adottati miżuri ta' implimentazzjoni meta l-Artikolu 215 TFEU jintuża bħala bażi legali għal proposti futuri;

***Dwar aspetti marbuta mal-protezzjoni tad-data***

21. Jilqa' b'sodisfazzjon id-dispożizzjonijiet l-ġodda fil-proposta tal-Kummissjoni dwar l-Al-Qaida, imma jiġbed l-attenzjoni għall-kummenti tal-EDPS dwar il-protezzjoni tad-data personali, b'referenza partikolari biex ikunu ċċarati l-eżenzjonijiet mill-prinċipji tal-protezzjoni tad-data li jistgħu jkunu meħtieġa u d-dritt ta' aċċess għal informazzjoni klassifikata; jenfasizza l-fatt li dawn ir-riservi mill-EDPS jistgħu mutatis mutandis japplikaw għat-tliet proposti tal-Kummissjoni; jiddispjaċih li t-test tal-Kummissjoni jħassar ir-referenza ċara fl-Artikolu 7e(5) għad-drittijiet tas-suġġetti tad-data skont ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali mill-istituzzjonijiet u l-entitajiet tal-Komunità kif ukoll dwar il-moviment ħieles ta' din id-data [1], li hi msemmija biss fl-Artikolu 7d(1);

22. Jinnota li trasferimenti possibbli ta' data għal pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali għandhom ikunu konformi mal-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 45/2001, bil-għan li tkun żgurata l-protezzjoni adegwata tad-data kkonċernata; il-proposta tista' tinkludi stipulazzjonijiet f'dan ir-rigward u jistgħu wkoll ikunu meħtieġa arranġamenti man-NU; jinnota li l-proposta ma taffettwax ir-responsabilità li jista' jkun hemm fil-każ tal-ipproċessar u l-pubblikazzjoni illegali ta' data personali

23. Jenfasizza l-fatt li n-notifika tal-persuni u l-entitajiet ikkonċernati, kif mitlub mill-Qorti tal-Ġustizzja, għandha tkun komprensiva kemm jista' jkun, u li l-informazzjoni pprovduta dwar persuni fiżiċi elenkati f'annessi speċifiċi għandha tkun iċċarata [2];

24. Jinnota li awtoritajiet indipendenti tal-protezzjoni tad-data jista' jkollhom rwol importanti fil-kontroll tal-legalità tal-ipproċessar tad-data personali fil-listi s-suwed tat-terroristi, u għalhekk għandhom rwol kważi ġudizzjarju li jista' jikkumplimenta b'mod effikaċi r-reviżjoni li ssir mill-awtoritajiet ġudizzjarji [3];

---

[1] ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.
[2] It-testi, pereżempju, jistgħu jinkludu stipulazzjoni li "Anness […] għandu jinkludi biss it-tagħrif meħtieġ għar-raġuni ta' verifika tal-identità tal-persuni fiżiċi elenkati u f'kull każ mhux aktar mill-informazzjoni pprovduta fil-punti a) sa […]".
[3] Ara H. Hijmans u A. Scirocco, "Shortcomings in EU Data Protection in the Third and Second Pillars. Can the Lisbon Treaty be expected to help?", *Common Market Law Review* 2009, p. 1512.

**Il-Ħamis, 17 ta' Diċembru 2009**

25. Iqis li hu ta' importanza kbira li jkun adottat kemm jista' jkun malajr qafas ġenerali dwar il-protezzjoni tad-data kif ipprovdut fl-Artikolu 16 TFUE u li jkunu adottati wkoll dispożizzjonijiet speċifiċi kif mitlub mill-Artikolu 39 TUE;

*

* *

26. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri u lis-Segretarji Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti u tal-Kunsill tal-Ewropa.

---

# Titjib meħtieġ fil-qafas legali għall-aċċess għad-dokumenti wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona

P7_TA(2009)0116

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Diċembru 2009 dwar it-titjib meħtieġ fil-qafas legali għall-aċċess għad-dokumenti wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, Regolament (KE) Nru 1049/2001**

(2010/C 286 E/03)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-mistoqsijiet tad-9 ta' Novembru 2009 lill-Kummissjoni u lill-Kunsill dwar it-titjib meħtieġ fil-qafas legali għall-aċċess għad-dokumenti wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona (Regolament (KE) Nru 1049/2001) (O-0123/2009 - B7-0231/2009, O-0122/2009 - B7-0230/2009) u d-dibattitu tiegħu fil-plenarja fil-15 ta' Diċembru 2009,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 115(5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-Unjoni "tqiegħed il-persuna fil-qalba tal-attivitajiet tagħha, billi tistabbilixxi ċ-ċittadinanza tal-Unjoni u billi toħloq spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja" (Preambolu tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali), u billi "kull ċittadin tal-Unjoni, u kull persuna fiżika jew ġuridika li tirrisjedi jew li jkollha l-uffiċċju rreġistrat tagħha fi Stat Membru, għandu d-dritt ta' aċċess għad-dokumenti tal-istituzzjonijiet, il-korpi u l-organi tal-Unjoni, ikun xi jkun il-mezz tagħhom" (l-Artikolu 42 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali),

B. billi t-Trattat ta' Lisbona mmodifika "mhux biss il-bażi legali għar-regolament li jirregola l-aċċess għad-dokumenti, imma wkoll il-kuntest legali li fih għandu jopera r-regolament, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda r-relazzjoni bejn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni u ċ-ċittadin" ([1]),

C. billi dik ir-relazzjoni minn issa 'l quddiem għandha tinkwadra fil-prinċipji demokratiċi mniżżla fit-Titolu II il-ġdid tat-TUE, li jgħid li "l-Unjoni għandha tirrispetta l-prinċipju tal-ugwaljanza taċ-ċittadini tagħha, li għandhom jingħataw attenzjoni ndaqs mill-istituzzjonijiet, il-korpi u l-organi tagħha" (Artikolu 9) u li "kull ċittadin għandu d-dritt li jipparteċipa fil-ħajja demokratika tal-Unjoni. Id-deċiżjonijiet għandhom jittieħdu b'mod kemm jista' jkun miftuħ u qrib iċ-ċittadin" (Artikolu 10(3)),

D. billi l-integrazzjoni sħiħa tal-Komunità Ewropea fl-UE, kif ukoll l-abolizzjoni tar-reġim intergovernattiv li kien għadu japplika għall-koperazzjoni ġudizzjarja u tal-pulizija fi kwistjonijiet kriminali, kienu mmexxija 'l quddiem mir-rieda tal-Istati Membri "li jkomplu jkabbru l-funzjonament demokratiku u effiċjenti tal-istituzzjonijiet" (il-Preambolu tat-TUE),

---

([1]) Opinjoni tas-Servizz Legali tal-PE tal-10 ta' Ottubru 2009, paragrafu 3.